**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru: 337/19 CZ**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Victor Chetcuti sija bil-polza u sija bil-Ligi kif ukoll l-istess Victor Chetcuti**

**vs.**

**Alfred Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi imressqa fit-30 t'Ottubru 2019 li biha ppremettew:

1. Illi s-socjeta' attrici kienet harget polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCD-724 di propjeta' tal-attur Victor Chetcuti hawn aktar 'l isfel imsejjha 'il-vettura tal-atturi'.
2. Illi nhar il-15 ta' Dicembru 2018 sehh incident fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, precizament faccata tal-istabbiliment 'Ocean Basket', u f'liema incident kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCD-724 propjeta' tal-attur Victor Chetcuti, u dana meta l-imsemmija vettura garrbet hsarat wara li giet milquta minn *construction gate* li nqalghet;
3. Illi b'hekk isegwi illi l-incident *de quo* sehh unikament bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni, imperizja, jew nuqqas ta' prudenza da parti tal-konvenut.
4. Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf erba' mija tmintax-il Euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,418.58) in kwantu ghas-somma ta' hamsin Euro (€50) l-excess payment illi l-attur Victor Chetcuti hallas in konnessjoni ma' dan il-kaz, u in kwantu ghas-somma ta' elf tliet mija u tmienja u sittin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,368.58) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri odjerni sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-2 ta' Dicembru 2019, li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti stante li l-incident de quo ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-esponent hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Ghalhekk, fejn jirrigwarda l-esponent m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum

tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat u ghandu jigi ppruvat skond il-ligi.

3. Ghaldaqstant, m'hemmx lok ghall-kundanna tal-esponent ghall-hlas ta' danni favur ir-rikorrenti.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Sema' x-xiehda ta' PC 709 Michael Caruana[1], PC 1270 Antoine Zammit[2], Victor Chetcuti[3], Malcolm Bonnici[4], Jeffrey Custo'[5], u l-konvenut[6].

Ra l-affidavit ta' Andrea Bondin[7].

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra illi fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2020 il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-awtenticita' tar-ricevuti esebiti mis-socjeta' attrici.

Sema' t-trattazzjoni.

Ikkunsidra:

[1] Fol. 78
[2] Fo,. 22
[3] Fol. 34
[4] Fol. 41 u fol. 98
[5] Fol. 72
[6] Seduta tas-27 ta' Mejju 2021
[7] Fol. 48 u kontro-ezami a fol. 77 u fol. 103

Illi l-hsara fuq il-vettura in kwestjoni sehhet meta fil-15 ta' Dicembru 2018, f'nofstanhar ta' rih qawwi, Forza hamsa (5), xi kultant jaqleb ghal Forza sitta (6), kancell jew xatba li kien hemm j/taghlaq sit ta' kostruzzjoni propjeta' tal-konvenut fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, taret ghal fuq il-karozza tal-attur.

Illi s-socjeta' konvenuta tindika li mhijiex responsabbli ghall-incident de quo, fost ohrajn minhabba li kienet tezisti forza magguri, tant li anke produciet xhud mill-Ufficcju Meteorologiku sabiex jindika x'sahha kellu r-rih dakinhar tal-incident. Gie pruvat illi dakinhar kien rih qawwi.

Illi propju fuq il-forza magguri, fis-sentenza *Elmo Insurance Services Et Vs Micallef Joseph PC 537 Et*[8], intqal hekk:

> L-eccezzjoni tal-forza magguri ovvjament tisposta l-oneru tal-prova kompletament fuq min jallegaha. Hija eccezzjoni li, jekk provata fit-termini tal-ligi, kienet tezonera lil min jallegaha minn kull responsabilita'.
>
> Din id-difiza tista` tirnexxi biss kemm-il darba fil-kawza ta' l-akkadut ikun gie eskluz bl-aktar mod kategoriku l-intervent uman. Konsegwetement jekk precedentement ghall-incident ikun hemm xi nuqqas tas-sewwieq, jew ta' terza persuna responsabbli ghall-vettura minn dan misjuqa, din id-difiza ma jkollha l-ebda sahha.
>
> Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara ikun ikkontribwixxa l-fatt pozittiv jew negattiv tal-bniedem. Skond il-principju tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jehtieg li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias.
>
> Ghalhekk min jallega l-kaz fortuwitu jrid jipprova li (a) il-fatt li sehh il-kaz fortuwitu, u (b) illi dak il-kaz fortuwitu ma kienx gie precedut minn xi att delittwuz jew kwazi delittwuz tieghu.

[8] Qorti tal-Appell Superjuri – 5 t'Ottubru 2001

Illi maghdud ma' dan, wiehed bilfors irid jirreferi ghal Artikolu 1029 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jipprovdi x'isehh meta jkun hemm forza magguri:

Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.

Illi l-konvenut f'dan il-kaz, ghalkemm jghid illi hu ma kienx ghamel ix-xatba huwa nnifsu, izda l-kuntrattur li kien qed jaghmel ix-xoghlijiet, ma ressaqx prova, bil-kuntrattur innifsu jew impjegat iehor biex juri illi din ix-xatba kienet sewwa sew imwahhla f'postha, b'mod illi ma tkunx tista' tinqala' bir-rih.  Il-piz tal-prova f'dan ir-rigward kien fuq il-konvenut, u ma kienx bizzejjed li jghid li x-xatba in kwestjoni m'ghamilhiex hu.

Illi l-konvenut jghid ukoll illi hu, ghalkemm hu sid il-propjeta' fejn kien hemm ix-xatba, m'ghandux iwiegeb ghall-kuntrattur li wahhalha.

L-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili f'dan ir-rigward jipprovdi:

> Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat, ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.

Illi similment ghal dak li nghad iktar 'il fuq, kellu jkun il-konvenut ghalhekk illi jgib il-prova illi l-kuntrattur li qabbad kien wiehed ta' hila.  F'dan ir-rigward, pero', mill-atti ma jirrizultax x'hila kellu l-kuntrattur u x'seta' ghamel biex dan l-incident ma jsehhx. Il-konvenut f'dan il-punt, biex jezonera lilu nnifsu taht dan l-artikolu, kellu jgib il-prova illi l-kuntrattur li qabbad kien wiehed kapaci u ta' hila, jew inkella li huwa kellu ragun jahseb li huwa ta' hila.  Fin-nuqqas ta' dan il-prova, il-konvenut hu obbligat

ihallas il-hsara kagunata lil haddiehor permezz tax-xoghol li huwa qabbad lill-kuntrattur biex jaghmel.

Illi l-konvenut jikkontesta wkoll il-quantum tad-danni. In-nefqa relattiva giet pruvata permezz tad-dokumenti esebiti mix-xhud Andrea Bondin, izda l-konvenut isostni wkoll illi peress illi l-karozza in kwestjoni kienet diga' involuta f'habta precedenti u ma ssewwietx, u peress ukoll illi bejn is-survey relattiv ghall-ewwel habta u dak relattiv ghat-tieni habta hemm xi xoghol li huwa ripetut fiz-zewg surveys, huwa m'ghandux ihallas ghal dak ix-xoghol li gie mtenni fit-tieni survey. Jirrizulta fil-fatt illi hemm ammont ta' xoghlijiet li qeghdin kemm fl-ewwel u fit-tieni survey. It-Tribunal seta' jivverifika illi l-hsara fiz-zewg incidenti kienet fuq l-istess naha tal-karozza, izda l-hsara tal-ewwel incident kienet iktar lura, filwaqt li l-hsara ghall-ewwel incident kienet fuq parti differenti tal-genb tax-xellug tal-karozza. Kif johrog mill-kontro-ezami tax-xhud Malcolm Bonnici[9], pero', xorta jibqa' l-fatt illi hemm ammont ta' xoghol li huwa indikat u ripetut fit-tieni survey. Ix-xhud Andrea Bondin qal illi l-assikurat taghhom thallas separatament ghal kull talba ghal hlas li ghamel, kemm ghall-ewwel incident, kif ukoll ghat-tieni incident, izda t-tiswija relattiva saret fuq darba, u ghalhekk ix-xoghol involut ma giex ripetut izda sar darba. It-Tribunal m'ghandux mezz biex jikkwantifika kemm kienet l-ispiza specifika ghal dak ix-xoghol li kien ripetut, ghaliex ir-ricevuti esebiti huma generici u jindikaw biss 'labour & spray', jew 'panel beating'. It-Tribunal sejjer pero' *arbitrio boni viri* jistabbilixxi illi gialadarba x-xoghlijiet involuti saru biss darba, il-konvenut ghandu jhallas nofs l-ammont reklamat, u cioe' s-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€684.29), li huma n-nofs tas-somma ta' elf, tliet mija u tmienja u sittin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,368.58), flimkien mal-excess ta' hamsin Euro (€50), u b'kollox ghalhekk seba' mija u erbgha u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€734.29).

[9] Fol. 101

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet ta-istess konvenut, u jilqa' parzjalment it-talbiet tal-atturi, u jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u erbgha u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€734.29), bl-imghaxijiet legali kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur